

## **PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IL-MONITORAĠĠ, IR-RAPPURTAR U L-VERIFIKA TAL-EMISSJONIJIET TAD-DIOSSIDU TAL-KARBONJU MIT-TRASPORT MARITTIMU U LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) NRU 525/2013 (KUMM (2013) 480)**

Il-Parlament Malti jirrikonoxxi l-hteġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kkaġunati mit-transport marittimu internazzjonali, b'mod partikolari għax huwa mifhum illi s-settur marittimu internazzjonali għandu jkber b'mod sinifikanti fil-futur. Mill-perspettiva tat-tibdil fil-klima, azzjonijiet li jikkontribwixxu biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jkunu limitati jew jiġu mnaqqsa, huma milqugħa. Madanakollu, il-Parlament Malti jemmen illi, minħabba n-natura internazzjonali u partikolari ta' din l-industrija, huwa biss strument globali maħluq taħt l-awspeċi tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) li jista' jirregola b'mod effiċjenti l-industrija tat-tbaħħir u l-emissjonijiet kkaġunati minn din l-industrija.

Il-Parlament Malti jqis li strument reġjonali fuq l-MRV fiż-żmien meta l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali diġà bdiet diskussjonijiet dwar dan, jista' jkun kontro-produttiv fid-deliberazzjonijiet u n-negozjati ma' Membri Stati oħra ta' din l-Organizzazzjoni. Għalhekk kull tentattiv unilaterali mill-Unjoni Ewropea (UE) biex tindirizza din il-kwistjoni mhux biss tirrendi t-tbaħħir fl-UE aktar oneruż meta mqabbel ma' tbaħħir f'pajjiżi terzi, iżda wkoll jista' jippreġudika negozjati internazzjonali.

Il-Parlament Malti jixtieq ukoll jesprimi t-tħassib tiegħu rigward id-diffikultajiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament propost. Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ma jistax jobbliga bastiment li ma jtajjarx il-bandiera tiegħu sabiex jipprovdi *data* dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta jkun qed ibaħħar barra mill-ibħra interni tiegħu. Lanqas ma jista' jobbligah sabiex jieħu schem f'sistema li żżomm rendikont tal-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, issir referenza għall-problemi li nħolqu permezz tal-iskema dwar l-emissjonijiet relatati mal-avjazzjoni.

Il-Parlament Malti jqis li l-Proposta għandha impatt negattiv sproporzjonat meta jitqies il-gwadann ambjentali u klimatiku li jista' jinkiseb bħala riżultat. L-applikazzjoni tar-Regolament propost iwassal għal żidiet fl-ispejjeż għall-kumpaniji tat-tbaħħir sabiex jimmoniterjaw il-vjaġġi tagħhom. Wara dan il-proċess, irid ikun hemm verifikazzjoni li żżid il-ħin, l-isforz u l-ispejjeż finanzjarji. Il-gwadann ambjentali għalhekk mhux ġustifikat anki għaliex it-tnaqqis mistenni fl-emissjonijiet mhux ta' min joqgħod fuqu minħabba n-nuqqas ta' *data* eżawrenti.

Strument reġjonali unilaterali jirriskja li jpoġġi lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fi żvantaġġ kompettiv kbir. Dan ikun ta' ħsara għall-ekonomija lokali minħabba l-impatt fuq *is-supply chain* u l-ispejjeż dejjem jizdedu għall-konsumaturi lokali, mingħajr ma jintlaħqu l-għanijiet ambjentali ta' tali strument. B'mod aktar speċifiku, il-Parlament Malti għandu t-tħassib tiegħu rigward l-piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq l-Istat Membru, l-awtoritajiet tal-Istati tal-Port, l-Istat tal-Bandiera u l-kumpaniji li jinsabu fl-Unjoni Ewropea.